# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 579/15 DMA**

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Bonnici Mark Clinton**
**(ID. 64882M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€252.92) in konnessjoni ma' 79258107 (AC40315870).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni ma' ittra ufficjali 323/15, u bl-imghaxijiet legali sa mid-19 ta' Frar, 2015, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wilfer ghas-socjeta' attrici fis-17 ta' Settembru, 2015 li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' mitejn u tnejn u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€252.92) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€252.92) bl-imghax legali sa mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz inkluz dawk in konnessjoni ma' ittra ufficjali 323/15, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**